A.L. 115 ta' l-1995

ATT TA' L-1995 DWAR SELF LOKALI
(ATT NRU. XVIII TA' L-1995)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm5,000,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IR-RABA' ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-1995 dwar Self Lokali u bl-artikoli 4(1)(a), 31(a)(b) u 32 ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm5,000,000 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-*iStock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni f'ammonti li jidħlu eżatt bil-Lm100. L-applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-i*Stock* jifthu t-Tnejn, 11 ta' Settembru, 1995 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar ta' nhar is-Sibt, 30 ta' Settembru, 1995 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Policy dwar l-għoti ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. L-għoti ta' l-i*Stock* jingħata lil min japplika l-ewwel, iżda tingħata preferenza lill-applikanti li m'humiex istituzzjonijiet bankarji.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Issir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u jsir negozjar tiegħu fil-Borża ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta meta dan l-i*Stock* jitħallas kollu.

Somma ta' flus li ghandha tingabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm5,000,000.

Rata ta' kontribuzzjoni ghall-Fond ta' Ammortizzament.

5. Mid-data tal-ħruġ, parti minn kull ħamsa mit-total tal-bilanċi li jkunu jinsabu fil-kreditu tal-Fondi ta' l-Ammortizzament ta' dawk l-i*Stocks* iddikjarati li ser jiġu mifdija fis-seba' avviżi tat-Teżor

li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 25 ta' Awissu, 1995 jiġu trasferiti għall-Fond ta' Ammortizzament 6.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2000 (IV) sabiex jinfeda l-i*Stock*. Barra minn dan, approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm50,000 mid-Dhul Ġenerali u mill-Attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni fl-istess Fond ta' Ammortizzament. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1996.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

6. L-imgħax bir-rata ta' Lm3.25 għal kull Lm100 *Stock* għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu mil-1 t'Ottubru , 1995 sat-30 ta' Marzu, 1996 għandu jsir fit-30 ta' Marzu, 1996.

Fidwa ta' *Stock*.

7. L-i*Stock* jinfeda b'parità fit-30 ta' Settembru, 2000.